SANNAT

Minuti tal-erbgħa u tletin laqgħa tas-seba' Leġislatura tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, nhar it-Tnejn, 16 ta' Awwissu, 2011 fis-8.30 ta' filgħaxija. F'din il-laqgħa tkompliet l-aġenda tal-laqgħa preċedenti.

| | |
|---|---|
| Preżenti: | Il-Membri |
| Is-Sindku | Philip Vella |
| Il-Viċi Sindku | Anthony Mercieca |
| Kunsilliera | Guda Taddeus Bajada |
| | Joseph Bajada |
| | Marlene Muscat |
| L-Uffiċjali: | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Arthur Bajada |

Il-laqgħa bdiet wara li ntqalet it-talba.

**Item 1 Approvazzjoni tal-Pagamenti**

1698 Ġew approvati l-pagamenti ta' Skeda numru 17 li hi annessa mal-Minuti.

**Item 2. Mill-Minuti**

1699 Il-Viċi Sindku reġa' semma jekk inxtarax il-bank minn dawk iż-żgħar biex jitpoġġa fejn ta' Salvina Grima, fi Triq Xabbata. Dan għandu jinxtara.

1700 Il-Kunsillier Marlene Muscat qalet li vverifiat fuq il-Lifelong Learining courses u dawn ma joffrux korsijiet tal-komputer jekk ma jkunx hemm computers fuq il-post. Imma d-Dipartiment tal-Edukazzjoni jorganizza korsijiet bażiċi tal-komputers, ir-Rabat, Għawdex. Dan il-kors idum erbatax-il ġimgħa, tliet siegħat fil-ġimgħa. Għandu jintbgħat avviż ġo djar fejn il-pubbliku jiġi nfurmat dwar dawn il-korsijiet. F'każ li jkun hemm applikazjonijiet biżżejjed, il-Kunsill qed jikkunsidra li jorganizza transport issussidjat jew b'xejn. Żmien tal-applikazzjonijiet hemm sad-29 ta' Awwissu 2011.

1701 Galea Curmi kitbu lura fuq it-tender tal-fanali fi Triq Sannat u qalu li fl-Addenda tat-tender ser iniżżlu li fanali tal-cast iron ser jiġu aċċettati basta jkunu garantiti kontra s-sadid. Rigward it-*technical requirements* li hemm fuq it-tender items 3.2.1, 3.2.2 u 3.2.3 iridu jkunu milħuqa. Fuq il-fanali li jitfgħu fuq ġenb wieħed u t-tip ta' bozza il-Kunsill ma qabilx. L-ispeċifikazzjonijiet iridu jkunu wkoll bħal dawk il-fanali li hemm preżenti għandhom ikunu nklużi fit-tender.

SANNAT

1702 Rigward l-iskema ta' finanzjament ta' Proġetti Speċjali f'Lokalitajiet Żgħar għal Sqaq Dun Anastas intalbet informazzjoni jekk il-Kunsill jistax japplika biex dan l-isqaq jingħata l-konkos, imprinted concrete, jitpoġġew xi bankijiet u l-pots. Id-Dipartiment bagħtu risposta lura lill-Kunsill għandu japplika u mbagħad jara l-Bord tal-Evalwazzjoni.

**Item 3. L-Uffiċċju l-ġdid**

1703 L-uffiċċju tal-President informal lill-Kunsill li fil-24 ta' Settembru 2011 ma jistax jiġi biex jinawgura l-uffiċċju l-ġdid tal-Kunsill għaliex għandu impenji oħra.

Ġie nnutat li Simon Sultana s-sub contractor tal-finishing works għadu ma ġiex ikompli dawk il-ftit nuqqasijiet li għad baqa' li huma. Il-Kunsill qabel li dan jiġi nfurmat li jekk sa ġimgħa oħra x-xogħol ma jkunx lest ser jibda jiġi mwaħħal l-multi.

Tal-S.S. Lifts Ltd. bagħtu rappreżentant biex jara x'għandu bżonn u xi jrid isir biex ipoġġu l-lift. Hu qal li l-bieb irid jidjieq u jkun fuq ġenb. Il-Kunsill qabel li mhux ser iħallas għal dawn in-nuqqasijiet tal-perit. Pius Attard ġie jkompli x-xogħol fil-pit tal-lift.

Is-Segretarju elenka lista ta' affarijiet li hemm bżonn għal uffiċċini l-ġodda fosthom:

Front Office Desk, sofa u siġġu għar-reception, bibien tal-ħadid fejn hu fuq il-ħġieġ u letter box.

Rigward l-airconditions is-Sindku qal li għalissa jintużaw dawk li hemm.

Rigward il-vertical blinds l-istima hi ta' €1,236. Il-Kunsill qabel li jsiru tas-sala biss.

Rigward il-PABX għandhom jiġu kkuntatjati ta' Galea Curmi Consultants biex jippreparaw il-kwotazzjoni.

Rigward in-notice board għad irid jistab post fejn titpoġġa. Għandha ssir waħda ġdida tal-aluminium.

**Item 4. Materja Oħra**

1704 Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li hemm bżonn ta' mutur tal-ħaxix ieħor għall-ħaddiema għaliex hemm sitt ħaddiema fit-toroq. Semma ukoll li hemm bżonn ta' van kif ukoll generator għal ħaddiema biex jaħdmu. Il-Kunsill ma qabilx ma dawn it-talbiet.

1705 Il-perit għandu jibgħat stima ta' Sqaq Dun Anastas, Triq l-20 ta' Lulju biex isir t-talba għal Fondi Speċjali għal Kunsilli Lokali Żgħar. Għandu jibgħat ukoll stima għa parti mix-xogħol tal-playing field u tal-pjazzetta ta' Triq Skerla.

1706 Marco Attard, Senior Tradesman u Mariella Mizzi mid-Dipartiment tat-Turiżmu u Ekonomija fil-Ministeru ta' Għawdex kitbu biex isir aċċess għal *wheel chair* ħdejn ir-rampa fil-bajja ta' Mġarr ix-Xini. Il-Kunsill qabel li ma ssibx oġġezzjoni għa dan l-aċċess bil-kundizzjoni li jsiru l-permessi neċċesarji.

1707 Id-diriġenti tal-K.I.P. Għawdex ġew jiltaqgħu mal-Kunsill dwar il-bins on wheels li hemm fil-lokalita'. Dawn qalu li dawn il-bins on wheels saru *dumping site*. Huma qalu wkoll li apparti

fl-art qed jinxeħet materjal tar-restaurants inkluż minn barra r-raħal. Il-Kunsill għandu jiddeċiedi x'ser jagħmel dwar din il-problema. Il-Kunsill qabel li tinkiteb ittra lir-residenti fejn jingħad li qed issiru ħafna abbużi madwar u fl-skips u li l-Kunsill qed jikkunsidra li dawn jitneħew jekk jibqgħu jsiru dawn l-abbużi.

1708 Ta' Gatt Tarmac Ltd. ġew biex jitkellmu mal-Kunsill kif kien irrakomandat mill-Bord tal-Aġġjudikazzjoni ta' *Tender Restoration and construction of rubble walls at passage of Triq Ras in-Newwiela*, *Sannat, Tender No. 01/2011.* Gatt Tarmac Ltd. ipproponew li l-ammont tagħhom mitlub fit-tender li kien ta' €61,604 jitniżżel għal dik ibbaġitjat fit-Tender li hu ta' €56.404. Il-Kunsill qabel li din it-tender tingħata lilhom b'dan l-ammont kif ukoll bil-kundizzjoni li jista' jitnaqqas iż-żmien tax-xogħol meta jitlesta l-proġett. Sar qbil li Triq Santa Marija jsiru it-testijiet skond kif kienet titlob it-tender.

1709 Rigward it-talba minn Bertu Zammit li kien ilmenta li l-bozza kienet ġibdet il-kantun u arblu ma jiststax isir, sar qbil li terġa ssir tip ta' bracket mal-appoġġ ta' bejn il-binjiet.

1710 Karmenu Debattista li għandu garaxx fi Triq Saguna talab biex isiru Double Yellow Lines faċċata ta' dar tiegħu għaliex meta jipparkjaw faċċata ma jkunx jista' joħroġ il-karozza. Il-Kunsill qabel li dan jingħata l-parir li jagħmel tabella *Garage in use* biex ma jipparkjawx faċċata tiegħu.

**Item 5. Tender tal-Kostruzzjoni tar-Recreational Area – Daħla ta' Ċnus – Tender Nru. 05/2011**

Għal din it-tender inxeħtu erbgħa tenders li kienu:

| Nru. | Kuntrattur | Ammont |
|---|---|---|
| 1. | Xmun Projects Ltd. | € 30,344.11 |
| 2. | J. Portelli Projects Ltd. | € 30,729.68 |
| 3. | Gatt Tarmac Ltd. | € 27,446.01 |
| 4. | Nicky Saliba | € 45,844.72 |

Il-Kunsill għażel dik ta' Gatt Tarmac Ltd. li kienet l-irħas waħda.

Il-laqgħa spiċċat fil-10.15 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata sine die.

Arthur Bajada

Segretarju Eżekuttiv

Philip Vella

Sindku